MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-5 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 871/2006

L-Awtorita` Marittima ta' Malta
vs
Melita Marine Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Anthony Caruana in rapprezentanza tar-rikorrenti Awtorita` Marittima ta' Malta li bih espona:

1. Illi, kif kien jidher mill-*istatement of account* tat-13 ta' Frar, 2006 (anness mar-rikors u mmarkat bhala **Dok A**) l-intimata Melita Marine Limited kellha taghti l-Awtorita` Marittima ta' Malta s-somma totali ta' sebat elef erba' mija u sebgha u tmenin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm7,487.47), fi drittijiet tal-Port (*port dues*) u hlasijiet ghal servizzi ta' pilutagg (*pilotage dues*).

2. Illi dawn id-drittijiet kienu jirrigwardaw servizzi moghtija lil bastimenti rapprezentati mill-intimata Melita Marine Limited, liema servizzi kienu gew ipprovduti u rekati fuq talba ta' l-istess intimata.

3. Illi mill-ammont totali fuq imsemmi, is-somma ta' sebat elef erba' mija u sitt liri Maltin u erbghin centezmu (Lm7,406.40) kienet tirreferi ghal ammonti li kien ilhom dovuti ghal aktar minn mija u ghoxrin (120) gurnata qabel id-data ta' l-*istatement* anness mar-rikors bhala dok A. It-talbiet tar-rikorrenti fir-rikors odjern kienu ser jigu limitati ghal dan l-ammont, minghajr pregudizzju ghad-dritt tar-rikorrenti li tipprocedi anke ghal debiti izjed recenti.

4. Illi l-intimata kienet giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammonti dovuti, fosthom permezz ta' ittra legali ta' l-20 ta' Jannar, 2006 (**Dok B**) u ittra ufficjali tat-2 ta' Mejju 2006 (**Dok C**) imma s-socjeta` intimata kienet baqghet inadempjenti.

5. Illi kienu jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ai termini ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta), stante li l-kreditu kien cert, likwidu u dovut u li fil-fehma ta' l-Awtorita` rikorrenti l-intimata ma kellhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra l-hlas ta' l-imsemmi ammont.

L-Awtorita` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata Melita Marine Limited hija debitrici ta' l-Awtorita` rikorrenti fis-somma ta' sebat elef erba' mija u sitt liri Maltin u erbghin centezmu (Lm7,406.40), liema somma tirraprezenta drittijiet tal-port (*port dues*) u hlasijiet ghal servizzi ta' pilutagg (*pilotage dues*).

2. Tikkundana lis-socjeta` intimata Melita Marine Limited thallas lill-Awtorita` rikorrenti l-imsemmija somma ta' sebat elef erba' mija u sitt liri Maltin u erbghin centezmu (Lm7,406.40).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali ta’ l-20 ta’ Jannar, 2006 u ta’ l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Mejju, 2006 u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ kull fattura sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri tal-Awtorita` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Xehed il-Marixxall Raymond Pace li qal li hu kien inkarigat li jaghmel in-notifika tar-rikors guramentat u l-avviz tas-smigh tal-kaz in kwistjoni. Qal li r-riferta qedha ***moved*** minhabba li n-notifika kienet 19, Garden Street, Gzira, u dan riferibbilment ghal dak li hemm a fol 8 u 9 tal-process. In segwitu n-notifika kienet saret f’Manoel Island, Yacht Marina, Gzira, u dan riferibbilment ghal fol 10 u 11 tal-process. Hemmhekk sab lil Pierre Balzan u hadlu l-***I.D Card number*** li hu 268668(M). Hu l-ewwel kien mar l-ufficju taghhom u kien hemm in-nies u qalilhom jekk in-notifika kienx ser jehodha xi hadd. Qalulu li kien hemm is-Sur Falzon fuq il-***boat***, u hu mar hemm. Dan Falzon irrifjuta li jiehu n-notifika u x-xhud qallu li jrid jehodlu n-numru tal-karta tal-identita`. Dan qallu li kien jaf il-ligi u li ma mpurtahx u ma kienx ha jehodha. Zied jghid li hu jkollu notamenti fuq id-***diary*** u kien qed isegwihom.

Xehed Anthony Caruana li qal li kkonferma l-ezatteza tar-rikors guramentat. Zied jghid li minn dak in-nhar tal-prezentata tar-rikors guramentat ma kien hemm l-ebda zviluppi f’dan ir-rigward u ghalhekk l-istess ammont ghadu dovut.

Rat il-verbal tal-lum li minnu jirrizulta d-digriet tal-Qorti li permezz tieghu qieset li n-notifika tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh saru b’mod validu.

Rat illi llum ma deher hadd ghas-socjeta` intimata, u anqas giet prezentata risposta.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talbiet tal-Awtorita` rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti qed tilqaghhom filwaqt li tiddikjara li s-socjeta` intimata Melita Marine Limited hija debitrici ta' l-Awtorita` rikorrenti fis-somma ta' sebat elef erba' mija u sitt liri Maltin u erbghin centezmu (Lm7,406.40), liema somma tirraprezenta drittijiet tal-port (*port dues*) u hlasijiet ghal servizzi ta' pilutagg (*pilotage dues*). Tikkundana lis-socjeta` intimata Melita Marine Limited thallas lill-Awtorita` rikorrenti l-imsemmija somma ta' sebat elef erba' mija u sitt liri Maltin u erbghin centezmu (Lm7,406.40).

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------